# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar il-Hamis 21 t'April 2016**

**Rikors Numru : 1047/2015 JPG**
**Kawza Numru: 11**

**Robert Galea (KI 137668M)**

**VS**

**Victor Chetcuti (KI 458747M)**
**Michael Chetcuti (KI 74185M)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Robert Galea tas-6 ta'Novembru 2015, li jaqra hekk:

1. *"Illi permezz ta' skrittura privata datata tnejn u ghoxrin ta' April elfejn u erbatax (22/04/2014) (DOK A) l-attur silef is-somma ta' tletin elf Ewro (€30,000) lill-intimati ghal finijiet ta'kummerc.*

2. *Illi skond l-istess skrittura, l-ammont misluf kellu jigi ripagat f'terminu ta' erbghin jum mid-data ta' self u cioe fl-ewwel ta' Gunju elfejn u erbatax (1/6/2014).*

3. *Illi ghalkemm debitament interpellati biex ihallsu l-intimati baqghu inadempjenti u ghalhekk qed issir din il-kawza;*

4. *Illi l-intimati m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu ghat-talbiet tar-rikorrent;*

5. *Illi Robert Galea jaf personalment bil-fatti kif esposti;*

*Ghaldaqstant l-attur qed jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja u moghtija kull dikjarazzjoni u provvediment opportuni:*

1. *Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh tal-provi ai termini tal-Artikoli 167-170 tal-Kap 12;*

2. *Tiddeciedi u tiddikjara li l-ammont ta' €30,000 huwa dovut lill-esponent;*

3. *Tikkundanna lill-intimati jhallsu s-somma ta' €30,000 lir-rikorrent.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata erbatax (14) ta' Sbttembru 2015, kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru pprezentat flimkien ma' dan ir-rikors kontra l-intimati, minn issa ingunti in subizzjoni u bl-imghaxxijiet mid-data mifthema tal-pagament sad-data tal-pagament effettiv skond il-ligi.”*

Rat id-digriet taghha tad-9 ta’ Novembru 2015 fejn appuntat il-kawza ghat-2 ta’ Dicembru 2015 fis-1:15pm ;

Rat illi l-atti tar-rikors, digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament skond il-ligi;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

In vista tal-ammissjoni tal-intimati a fol 32, il-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrent huma fondati u ghandhom jintlaqghu.

Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, tiddikjara illi l-intimati huma debituri tar-rikorrent fis-somma ta' tletin elf Ewro (€30,000), u tikkundanna lill-intimati in solidum ihallsu s-somma ta' tletin elf Ewro (€30,000) lir-rikorrent, bl-imghax mid-

data tal-ahhar notifika tar-rikors guramentat, u cioe mill-31 ta' Dicembru 2015, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati.

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**